MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1547/1997/1

**Gaetana Mamo**

**vs**

**Therese sive Tessie u Godwin konjugi Mercieca**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-2 ta' Lulju 1997 li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attrici hija debitrici tal-konvenuti fis-somma ta' tlett elef u sitt mitt lira Maltija (Lm3,600) stante illi hija ghaddiet lill-konvenuti Therese sive Tessie u Godwin Mercieca l-imsemmija somma bhala depozitu, liema somma giet mghoddija bil-patt u kondizzjoni espressa illi a semplici rikjesta ta' l-attrici l-konvenuti jirrifondulha l-istess ammont;

Premess illi nonostante li l-konvenuti gew interpellati biex jirrestitwixxu l-istess ammont diversi drabi huma baqghu inadempjenti;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri ta’ l-attrici fis-somma ta’ tlett elef u sitt mitt lira Maltija (Lm3600) rapprezentanti depozitu maghmul mill-attrici lill-konvenuti bil-patt u bil-kondizzjoni espressa illi a semplici rikjesta ta’ l-attrici l-konvenuti jirrifondulha l-istess ammont;

2. Tikkunanna lill-konvenuti jirritornaw lura fi zmien qasir u perentorju s-somma ta’ tlett elef u sitt mitt lira Maltija (Lm3600) rapprezentanti depozitu maghmul mill-attrici lill-konvenuti bil-patt u bil-kondizzjoni espressa illi a semplici rikjesta ta’ l-attrici l-konvenuti jirrifondulha l-istess ammont;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tal-15 ta’ Mejju 1997 u bl-interessi legali sad-data ta’ l-eventwali pagament effettiv kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti, ipprezentata fis-27 ta’ April 1998 li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi preliminarjament l-eccipjent Godwin Mercieca ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-attrici Gaetana Mamo ma ddepozita xejn ghandu, ghax il-flus kienet tathom lil martu l-eccipjenti Therese sive Tessie Mercieca kontra l-kunsens tieghu;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-

ispejjez kontra taghha peress illi l-flus kienu gew ritornati lilha;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Ottubru 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-provi u l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attrici pprezentata fl-1 ta’ Awissu 2005, kif ukoll in-nota responsiva tal-konvenuti pprezentata fit-3 ta’ Ottubru 2005;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Din l-istanza tikkomprendi zewg pretensjonijiet kontrapposti. Minn naha l-wahda hemm il-pretensjoni ta' l-attrici li qed tirreklama lura r-restituzzjoni tas-somma ta' tlett elef u sitt mitt lira (Lm3600) li hi tghid li fdat b' depozitu ghand il-konvenuti. Minn naha l-ohra hemm dik tal-konvenuti li kontra din it-talba jikkontrapponu difiza artikolata fuq il-pagament;

In bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f' kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b' mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("*actori incumbit probatio*") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-

kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("*reus in excipiendo fit actor*"). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha;

Dan kollu appena espost jinsab sew illustrat fis-sentenza fl-ismijiet "**Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**" deciza fis-27 ta' Mejju 1970 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran:-

"Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f' kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju '*actore non probante, reus absolvitur*'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "*reus in exipiendo fit actor*" ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f' kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."

Ferma din l-enuncjazzjoni tal-principju, fil-kaz odjern jinsab stabbilit bhala fatt illi attrici ghaddiet flejjes lill-konvenuti biex jitqeghdu l-Bank f' isem ulied l-istess konvenuti, bil-kondizzjoni illi jekk ikollha bzonnhom hi tkun

tista' tirrikjamahom lura ghandha u, f' kaz tad-decess taghha, l-istess flejjes jibqghu tat-tlett ulied tal-konvenuti. Dan il-fatt huwa ghal kollox inkontestat. Id-dimostrazzzjoni tieghu tinsab realizzata mhux biss mix-xhieda ta' l-attrici nnifisha (ara Affidavit taghha a fol. 15), izda hu sostenut ukoll minn elementi probatorji ohrajn akkwiziti mill-process; mhux l-anqas, id-dikjarazzjoni konfessata tal-konvenuta stess li taccetta li rceviet dawn il-flus minghand l-attrici (ara Affidavit taghha a fol. 40). Il-veru kuntrast bejn il-kontendenti jinsab fil-fatt illi mentri l-konvenuti jsostnu li huma raddew lura dawn il-flejjes, l-attrici tinnega dan, u anzi tichdu kompletament (ara d-deposizzjoni taghha in kontro ezami a fol. 209);

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq il-konvenuti tal-pagament li huma jallegaw li ghamlu. "*La prova del pagamento e` a peso del convenuto che lo allega*" (**Kollez. Vol. X pagna 826**). Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, il-konvenuti jenhtiegilhom qabel xejn jipprovaw, b' mod konvincenti u konkluziv, illi huma effettivament ghamlu l-hlas lura tas-somma reklamata. Jekk huma ma jirnexxilhomx jaghmlu din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (Artikolu 1145, Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqhom ghax fuqhom kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament;

A propozitu fuq dan il-punt, fit-tifsira suggerita mill-Qorti ta' l-Appell dwar l-insenjament ta' l-Onor. Imhallef Caruana Curran fis-sentenza precitata nirriskuntraw li "qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f' dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa' allura

salv il-principju illi f' kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F' kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament ta' l-argoment tezisti" - "**Desmond Mizzi *nomine* -vs- Patrick Filletti *proprio et nomine***", 28 ta' Jannar 2000;

Hu pacifikament stabbilit illi "l-pagament jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lil gudikant" (**Kollez. Vol. XLIII P II p 624**; **Vol. XXXVII P I p 525**);

F' dan il-kaz huwa konkordament accettat, anke mill-attrici (fol. 118), illi, kemm fir-rigward tal-konsenja tal-flejjes mill-attrici lil diversi persuni, kompriz il-konvenuti, kif ukoll fir-radd lura ta' dawn l-istess flejjes lill-attrici, qatt ma saru dokumenti jew ricevuti provanti l-kwittanza, ad eccezzjoni jidher fil-kaz tax-xhud Rose Deguara (fol. 32). Huwa biss id-dikjarazzjoni tal-konvenuta li tghid li zbankat il-flus mill-Bank depozitati f' isimha biex ghaddiethom lill-konvenut zewgha, u hemm l-istqarrija ta' dan li tghid li huwa ghadda dawn l-istess flejjes zbankati lill-attrici. Stqarrija din li, kif rilevat aktar 'il fuq, tinsab kontestata mill-attrici;

Mill-analisi bir-reqqa tal-provi din il-Qorti thoss li ghandha taghti affidament u kredibilita` aktar lill-izmentita ta' l-attrici milli d-dikjarazzjoni tar-rimbors da parti tal-konvenuti. F' dan il-Qorti ma tistriehx fuq l-awtorita` taghha biss imma ssib elementi ta' korroborazzjoni tant fix-xhieda prodotti kemm fic-cirkostanzi generali tal-kaz;

Fil-hsieb tal-Qorti s-segwenti konsiderazzjonijiet ghandhom jeghlbu l-mizien tal-kredibilita` favur l-attrici:-

(1) Ibda biex, hemm il-konfessjoni tal-konvenuti mistqarra lix-xhud Cettina Magri bil-kliem "Dawk taghha, ma nichadhomx" (fol. 149). Din il-konfessjoni saret wara li l-proceduri kienu ilhom ghal xi zmien istitwiti. Issa huwa veru li l-konvenuta tittanta taghti l-impressjoni illi kliemha kien intiz b riferenza ghall-*washing machine* ta' l-attrici li baqghet ghandha (ara xhieda taghha a fol. 58), izda din l-ispjegazzjoni taghha, fil-kuntest li fih inghad il-kliem, b' riferiment dirett ghal kawza in korso, difficilment tista' tigi emnuta jew accettata bhala verosimili;

(2) L-esebizzjoni mbaghad da parti tal-konvenuti ta' l-i*statement* bankarju (fol. 108) ma tistax bl-ebda mod isservi ta' piz li jikkorrobora l-versjoni taghhom li huma ghaddew il-flejjes lill-attrici wara li dawn gew zbankati. Huwa immedjatament notat minn dan l-istess statement, kif anke kkonfermat mix-xhud Paul Gambina, rapprezentant tal-Bank of Valletta (fol. 172), illi dak l-akkont inghalaq fit-3 ta' Ottubru 1995, u, skond il-konvenuta, "jew dakinhar stess jew l-ghada li kont gbidthom kont tajthom lil zewgi (fol. 58). Issa, ghalkemm il-konvenut zewgha jidddikjara li ma kienx jiftakar meta ghadda l-flus lill-attrici (fol. 257), huwa ferm improbabbli illi huwa halla sentejn biex iroddhomlha. Dan qed jigi rilevat in kwantu, kif jirrizulta minn provi ohra, id-domanda ghar-restituzzjoni tal-flus saret biss mill-attrici fl-1997. Ara Affidavit ta' l-attrici (fol. 15) u ta' Joseph Barbara (fol. 17) fejn jirreferu ghall-incident ta' April 1997 meta, anke skond l-istess konvenuta (ara Affidavit fol. 40), din irrikorriet ghand l-attrici ghas-sodisfazzjon biex ma tkomplix tghid paroli fuqha u qaltilha wkoll li "ma kellniex bzonnha u li l-flus li kienet tatni kont ser nirritornahom”. Minn din l-osservazzjoni huwa lecitu li jinghad li l-prova li l-konvenuti ittantaw jaghmlu b' dak l-i*statement* bankarju tfalli ghal kollox u, anzi, thalli, fil-hsieb tal-Qorti, toghma morra li l-konvenuti qed jittantaw, bil-provi forniti minnhom fil-gudizzju, u akkost ta' kollox, joholqu sembjanza ta' verita li l-hlas lura effettivament sar, meta dan ma huwiex hekk il-kaz;

(3) Dan hu manifest anke mit-tentattiv taghhom li jipprovaw jiskreditaw lill-attrici u lix-xhieda prodotti minnha. Huma jaghmlu dan billi pproducew lil Saviour Cilia, zewg l-attrici, u li minnu hi separata, biex dan jghidilna li martu hi mara li ma tghidx il-verita` (fol. 223), jew billi jipprovaw jadombraw ix-xhieda ta' Joseph Barbara billi jittantaw juru li dan hu speci ta' konkubin ta' l-attrici (ara l-kontro-ezami li sarlu a fol. 234);

Elucidati dawn ir-riflessjonijiet konsegwiti mill-ezami tal-provi, ghal din il-Qorti hu mistenni dejjem li l-kreditur u d-debitur igibu ruhhom skond ir-regoli bazici tal-korrettezza u tal-principju etiku-guridiku tal-bona fede. Din il-korrettezza tirrapprezenta l-metru ta' mgieba tal-partijiet fir-rapport ta' bejniethom u ghall-valutazzjoni mill-gudikant. B' riferiment ghall-karatteristici tal-kaz specifiku prezenti, din il-Qorti tasal biex tghid, anke in bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula, illi din il-korrettezza hi mankanti ghal kollox fil-konvenuti. Aktar minn hekk hi tal-ferma konvinzjoni illi l-konvenuti ma rnexxielhomx jiskarikaw l-oneru li jipprovaw il-*causa solvendi*, posta minnhom b' difiza biex tikkontrasta l-meritu tat-talba attrici;

Din il-Qorti lanqas ma ghandha l-icken dubju, b' risposta ghall-ewwel eccezzjoni sollevata, illi l-konvenut kien konsapevoli tal-fatt illi l-attrici kienet ghaddiet b' mod regolari ammonti ta' flus lil martu. Din il-konvinzjoni hi assodata kemm mill-mod li bih xehed kif ukoll fuq il-kriterji soliti tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, kif saput, f' kawza civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (**Kollez. Vol. L P II p 440; Vol. XXXVI P I p 319**).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tikkundanna lill-istess

konvenuti biex jirrestitwixxu lill-attrici s-somma ta' tlett elef u sitt mitt lira Maltija (Lm3600) depozitati mal-konvenuti kif mill-attrici premess fic-citazzjoni. Fuq din is-somma jiddekorru l-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (22 ta' April 1998). L-ispejjez tal-kawza jitbatew mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------